MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
GIANNINO CARUANA DEMAJO**

Seduta tat-3 ta' Frar, 2012

Appell Civili Numru. 155/1999/1

**Teg Industries Limited**

**v.**

**Gasan Insurance Agency Limited bhala agent f'Malta tas-socjeta` estera General Accident Fire & Life
Assurance Corporation p.l.c. ta' Perth, l-Iskozja, ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess; u permezz ta' nota
tat-22 ta' Frar, 2000, GasanMamo Insurance Agency Limited assumiet l-atti tal-kawza bhala mandatarja tas-**

**socjeta` estera C.G.U. Insurance p.l.c. ta' Perth, Skozja, u dan stante mergers lokali u esteri; u b'nota tal-11 ta' Dicembru 2003, GasanMamo Insurance Limited assumiet l-atti tal-kawza bhala mharrka, u dan stante restructuring u konsegwenti akkwist tal-portfolio assikurativ**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

1. Dan huwa appell tal-kumpanija attrici minn sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-24 ta' Marzu 2009 li biha laqghet l-ewwel eccezzjoni tal-kumpanija mharrka u ddikjarat li l-polza ta' assikurazzjoni li tahtha l-kumpanija attrici ressqet it-talbiet taghha f'din il-kawza kienet vizzjata u dan minhabba li l-istess kumpanija attrici naqset li taghti taghrif shih u minnu dwar fatti materjali mehtiega ghall-hrug tal-istess polza, ghalhekk cahdet it-talbiet attrici, bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici.

2. Ghall-ahjar intendiment ta' dan l-Appell, is-sentenza appellata qed tigi hawn annessa bhala Dokument A, mnejn jirrizultaw it-talbiet tac-citazzjoni tal-atturi, l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti li wassluha ghall-konkluzjonijiet taghha.

**L-appell tal-kumpanija attrici**

3. Il-kumpanija attrici hassitha aggravata bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad u interponiet appell minnha b'rikorsipprezentat fit-13 ta' April 2009.

4. L-appellanta tilmenta li l-Ewwel Qorti kien imissha cahdet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u pprocediet biex tiehu konjizzjoni tat-talbiet attrici.

5. Sostanzjalment l-aggravji tal-appellanta jikkonsistu kwazi kollha fl-istess argumenti li hija ressqet quddiem l-Ewwel Qorti u li gew michuda. Hi tghid illi:

I. L-Ewwel Qorti sejset is-sentenza appellata taghha mhux a bazi tal-eccezzjoni tal-'*misrepresentation of a material fact'* kontenuta fil-Proposal Form kif moghtija mis-socjeta` konvenuta appellata, izda a bazi ta' '*non-disclosure'*, li fil-fatt ma nghatax bhala eccezzjoni mill-istess socjeta` konvenuta appellata.

II. Fit-tieni lok minhabba d-direttiva specifika moghtija lis-socjeta` appellanti fil-Proposal Form sabiex toqghod fuq il-*brokers* taghha daqslikieku kienu xi General Accident Office, allura ghall-finijiet tal-mili tal-Proposal Form is-socjeta` konvenuta qiset lill-brokers bhala l-agenti taghha ghaliex hi stess indikat li s-socjeta` attrici setghet tistrieh fuqhom u fuq il-pariri taghhom almenu '*as to whether certain facts are relevant'.*

III. Fl-ahharnett is-socjeta` appellanta tishaq li r-ritenzjoni tal-*premiums* da parti tas-socjeta` konvenuta tikkuntrasta mal-posizzjoni mehuda minnha li l-polza hija nulla wara li avvera ruhu r-riskju kopert bil-polza u giet registrata *claim.*

6. L-appellanta taghmel ukoll sottomissjonijiet ohra, li wkoll kienu gew sollevati quddiem l-Ewwel Qorti, din id-darba ghall-konsiderazzoni ta' din il-Qorti, u dawn se jigu kkunsidrati ukoll mat-tlett aggravji hawn fuq imsemmija.

7. Ghaldaqstant l-appellanta talbet ir-revoka tas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti prevja li tichad l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u minflok tordna li l-atti tal-kawza jigu rimessi lura lill-Ewwel Qorti ghall-provi, trattazzjoni u eventwali decizjoni fil-mertu fir-rigward tat-talbiet attrici, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**<u>Risposta tas-socjeta` konvenuta.</u>**

8. Is-socjeta` konvenuta appellata wiegbet billi qalet li s-sentenza appellata hija gusta u timmerita li tigi kkonfermata prevja c-cahda tal-appell bl-ispejjez kontra l-appellanta. Hija wiegbet hekk:

i. Fir-rigward tal-ewwel aggravju s-socjeta` appellata wiegbet li l-eccezzjoni taghha tinkludi kemm in-*non-disclosure* kif ukoll il-*misrepresentation* ghalkemm dawn ma gewx espressament imnizzlin fl-eccezzjoni nnifisha izda minn qari tar-risposta shiha kompriza d-dikjarazzjoni u anke minn ezami tal-process u l-mod kif tressqu l-provi u anke minn nota' ta' sottomissjonijiet taghha, jidher evidenti illi iz-zewg aspetti gew imressqa bhala difiza u mhux wiehed minnhom biss.

ii. Dwar it-tieni aggravju wiegbet li l-*broker* in kwisjtoni kien agent tal-assigurat u li anke skont il-ligi *broker* huwa mizmum milli jkun agent ta' kumpanija assiguratrici.

iii. Dwar l-ahhar aggravju s-socjeta appellata tghid li dan l-ilment ma kienx tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti u lanqas dibattut.

**<u>Fatti mertu tal-kawza</u>**

9. Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li tinsab annessa ma' din s-sentenza fil-parti fejn jissemmew "fatti li jirrizultaw mill-atti tal-kawza", u din il-Qorti mhix ser terga' tirrepetihom[1].

10. Il-kawza hija dwar talba ghal indennizz taht polza ta' assikurazzjoni in segwitu ghal incident ta' hruq f'post tas-socejta' attrici. Il-konvenuti kkontestaw it-talba billi sostnew li kien hemm *misrepresentation* jew *non-disclosure* ta' fatti materjali li jirrendu l-polza annullabbli.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

[1] Ara parti tal-sentenza tal-ewwel Qorti dwar "fatti li jirrizultaw mill-atti tal-kawza".

11. Illi s-sentenza appellata tirrigwarda l-ewwel eccezzjoni sollevata mis-socjeta` konvenuta li l-polza tal-assikurazzjoni li tahtha qed tirreklama s-socjeta` attrici hija invalida billi l-*proposal form* li in forza taghha giet ikkuntrattata l-polza tikkontjeni dettal materjali li ma jikkorrispondix mal-verita'.

12. **Fl-ewwel aggravju** s-socjeta` appellanta tissottometti li l-Ewwel Qorti sejset is-sentenza taghha a bazi ta' '*non-disclosure'* u mhux a bazi tal-eccezzjoni moghtija mis-socjeta` konvenuta tal-'*misrepresentation of a material fact'*. Tghid li l-Ewwel Qorti jidher li kkonfondiet iz-zewg kuncetti u qisithom bhala kuncett wiehed, izda l-fatt li dawn iwasslu ghall-istess effett ma jfissirx li z-zewg kuncetti huma haga wahda.

13. Is-socjeta` appellata ssostni invece illi iz-zewg aspetti gew imressqa bhala difiza u mhux aspett wiehed minnhom biss. Hi tghid li l-Ewwel Qorti ma kientx prekluza milli tikkunsidra z-zewg kuncetti li tressqu bhala difiza.

14. Bhala regola ghalkemm il-Qorti ma tharisx b'simpatija lejn eccezzjonijiet li 'jfaqqsu' fil-mori tal-proceduri, kien hemm gurisprudenza li hadet attitudini aktar liberali fis-sens li accettat eccezzjonijiet li jkunu sollevati b'dan il-mod. Hekk, per ezempju, fil-kawza fl-ismijiet "**Services Limited vs Joseph Zammit"** (Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri) deciza fid-29 ta' Jannar 1999, gie affermat hekk:-
"Kif hu risaput, il-gurisprudenza tghallem illi l-Qorti hi fid-dover li tiehu konjizzjoni ta' eccezzjonjiet li jkunu gew sollevati waqt it-trattazzjoni tal-kawza, anke f'noti ta' sottomissjonijiet, u anke jekk ma jkunux gew formalizzati fil-forma ta' eccezzjoni."

15. Dan l-insenjament pero' gie newtralizzat b'emendi ad hoc fil-ligi tal-procedura (ara l-artikolu 158 tal-Kap 12 kif emendat bl-Att XXIV tal-1995). Il-parti konvenuta m'ghandhiex speci ta' 'carte blanche' li kull meta u x'hin jidhrilha l-waqt izzid ma' dawk l-eccezzjonijiet li hija tkun gja` tat. Il-posizzjoni la hija hekk illum (in vista tal-emendi

li gew fis-sehh) u lanqas ma kienet hekk qabel. (Ara App. **Cristina vs Mizzi** 27/3/03**).**

16. Fil-kaz in ezami jirrizulta bhala fatt li ghalkemm n-*non-disclosure* ma gietx espressament imnizzla fl-eccezzjoni nnifisha pero' saret referenza shiha ghaliha fid-dikjarazzjoni[2]. Inoltre l-mod kif tressqu l-provi jidher car illi dawn iz-zewg aspetti gew imressqa bhala difiza u mhux wiehed minnhom biss, u l-atturi kellhom l-opportunita' jiddibattu l-argument imressaq, saru noti ta' sottomissjonijiet u saret trattazzjoni orali (traskritta) fuq l-istess u d-decizjoni tal-Qorti hadet in konsiderazzjoni dan l-aspett ukoll. Dan ma kienx kaz fejn l-eccezzjoni kellha tigi formalizzata bhal meta tinghata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni imma kien aktar kaz fejn kien hemm bzonn ta' aktar spjegazzjoni tal-portata tal-eccezzjoni. Hu risaput li l-indoli tal-eccezzjoni ma tiddependix mill-kliem uzati imma mill-portata taghhom. (**Spiteri vs Cassar** App Civ. 14/3/1975 u App Inf. **Vella vs Briffa** 7 ta' Mejju 2004). Il-formalizmu u r-rigorizmu esagerat fil-proceduri gudizzjarji gie abbandunat bhala "*il sistema proprio dell'infanzia del diritto*" – "**Xuereb -vs- Xuereb**", 2 ta' Jannar <u>1883.</u>

17. F'dan il-kaz l-Ewwel Qorti la zbaljat, la kkonfondiet, u lanqas hawdet, kif qed issostni l-appellant, il-kuncett ta' *misrepresentation* ma' dak ta' *non-disclosure,* anzi spjegat d-differenza b'referenza ghad-dottrina u l-awturi fis-suggett. Din s-sottomissjoni tal-appellanta giet ezaminata mill-Ewwel Qorti u ddistingwiet bejn il-kaz fejn wiehed jaghti taghrif hazin jew mhux shih u l-kaz ta' nuqqas ta' ghoti ta' taghrif, u wara li ezaminat il-fatti tal-kaz, waslet ghal konkluzjoni li f'dan il-kaz kien hemm kemm *misrepresentation* kif ukoll *non-disclosure*. Hi qalet hekk:
"Illi l-Qorti tqis li d-diskrepanzi bejn it-taghrif moghti u dak li fil-fatt sehh jikkostitwixxi nuqqas tal-obbligu ta' TEG li tghid kollox u tiddikjara l-fatti kollha materjali. Jikkostitwixxi l-***misrepresentation*** ta' fatt jew fatti materjali li sewwasew isejsu l-eccezzjoni taht ezami u liema fatti kienu lkoll mehtiega biex l-assikuratur jista'

[2] Fol 41 punt 2.

johrog polza b'gharfien shih tar-riskju involut. Tqis ukoll li, fuq il-bazi wahedha tan-nuqqasijiet li irrizultaw min-naha taghha huma wahedhom xhieda tan-**nuqqas ta' *full disclosure*** li hija kienet marbuta li thares. Tali nuqqas jaghti jedd lill kumpanija mharrka li titlob id-dekadenza tal-polza u li tinheles milli titqies marbuta aktar biha".

18. L-appellanta tissottometti li l-ebda wahda mit-twegibiet li hija tat ma tista' tigi meqjusa bhala ' *misrepresentation of a material fact',* u li skont hi mkien fis-sentenza tal-Ewwel Qorti ma hemm li l-appellanta ghamlet xi stqarrija inveritiera fil-Proposal Form, izda pjuttost li l-appellanta naqset milli taghti taghrif li l-istess Qorti dehrilha li kien taghrif materjali. Is-socjeta` appellanta tibqa' ssostni li f'dan il-kaz la kien hemm *misrepresentation* u lanqas *non-disclosure* da parti taghha.

19. L-ewwel Qorti ezaminat zewg cirkostanzi li l-kumpanija mharrka indikat bhala fatti materjali li s-socjeta` appellanta naqset li tgharrafha bihom. L-ewwel kienet il-grajja ta' hruq li sehh zmien qabel u t-tieni li s-socjeta` appellanta naqset li tghid li l-kumpanija assiguratrici li kienet qed tkopriha kienet qabel irrifjutat li tkompli tkopriha izjed minhabba riskji li ma riditx tkompli tidhol ghalihom aktar.

20. Fil-*Proposal form*[3] kien hemm domanda fejn l-assikurat prospettiv intalab li jwiegeb:
"Have you ever had a fire either at these premises or elsewhere? If so, state particulars."

L-appellanta wiegbet:
"Yes in 1987 but premises were not insured".

21. Is-socjeta` appellanta ssostni li r-risposta kienet veritiera billi fil-fatt kellha hruq izda l-'premises' ma kienux assigurati billi l-'*premiums'* ma kienux thallsu u l-polza kienet skadiet. Inoltre d-domanda ma kienitx dwar jekk saritx *claim* izda jekk kellhiex hruq, li fil-fatt kellha. Il-fatt li

---

[3] Fol 43.

hija ma specifikatx liema miz-zewg postijiet kien inhakem min-nar ma jfissirx illi saret '*a misrepresentation of a material fact'* billi bhala fatt kien veru li sehh incident tan-nar fil-passat fir-rigward tal-*premises* assigurati flimkien. Tghid li fl-aghar ipotesi dan setgha jammonta biss ghal '*non-disclosure'* u mhux *mis-representation.* Fl-ahhar nett is-socjeta` appellanta tishaq li l-fatt li l-appellata accettat ir-risposta bla ma indagat oltre jew talbet aktar informazzjoni jfisser li kien hemm *waiver* da parti tal-appellata.

22. Is-socjeta` appellata wiegbet li r-risposta kienet wahda inkompleta billi s-socjeta` appellanta kellha *fire claim* mar- Royal Insurance u din irrifjutat il-*claim.* Inoltre ssostni li f'dan il-kaz ma kien hemm ebda *waiver* billi meta jkunu qeghdin isiru r-risposti ghad-domandi, min iwiegeb ikun qed juza l–*uberrima fides* u s-socjeta` appellata ma kellha ebda jedd tissuspetta f'dak l-istadju li l-proponent kien qieghed b'xi mod iqarraq biha u lanqas li tindaga dwar il-bona fide o meno tal-istess appellanta.

23. Mill-provi prodotti jirrizulta li fil-fatt f'dan il-kaz fin-1987 il-*premises* kienu assigurati izda l-premium ma kienx thallas. Kienet saret *claim* izda billi l-premium ma thallasx il-*claim* ma gietx accettata. Ir-risposta fil-proposal form taghti ad intendere li l-*premises* qatt ma kienu assigurati mentri fil-fatt dawn kienu assigurati imma kien kaz fejn l-premium ma thallasx. Jigri kemm il-darba li *premises* ikunu assigurati izda l-premiums idumu biex jithallsu u l-assikurazzjoni jkollha tfittex lill-kljent biex tithallas billi sadanittant il-polza tkun harget u l-assikurat ikun inghata kopertura. (ara l-kaz ta' assikurazzjoni li harget n-Norwich Union lill-appellanta[4]). F'dan il-kaz ir-risposta kienet inkompleta u b'hekk l-appellanta giet li ma tatx taghrif shih u r-risposta tista' tigi kkunsidrata bhala inveritiera wkoll.(half-truth) L-appellanta kellha mhux biss tirrispondi iva jew le imma kellha taghti dettalji.

24. L-appellanta tissottometti li meta hija wiegbet id-domanda u qalet kellha kaz ta' hruq, is-socjeta` appellata

[4] Ara fol 116.

setghet tikseb hi l-informazzjoni shiha dwar l-*insurance history*[5] taghha. Din il-Qorti tirrileva l-ewwelnett li r-risposta kienet li hija ma kenitx assikurata f'dik l-okkazzjoni u ghalhekk l-appellata ma kellhiex idea li kien hemm *insurance history* x'tindaga. Inoltre kif qalet l-Ewwel Qorti, in-nuqqas tas-socjeta` appellanta li taghti l-informazzjoni mehtiega, ma jnaqqasx mill-obbligu taghha li taghti l-informazzjoni shiha kif mitluba. F'dak l-istadju l-appellata kellha tistenna u tipprezumi li dik l-informazzjoni hija veritiera u kompleta. Fil-fatt kif jikteb l-awtur John Birds 'Modern Insurance Law' a fol 106 'the fact that the insurers have the means of knowledge, for example, the name of the doctor of a proposer for life insurance, does not relieve the insured of his duty of disclosure'.

25. Kien hemm domanda ohra li kellha tirrispondi l-appellata li kienet tghid:
"Have you previously been or are you now insured with any other office?

Is-socjeta` appellanta wiegbet li:
"MIB and Royal Int Insurance".

26. Dwar din id-domanda u r-risposta li nghatat jirrizulta mill-atti processwali li hemm provi bizzejjed li juru li ghalkemm l-appellanta ssemmi biss lil MIB (li m'hijiex assikurazzjoni imma brokers) u Royal Insurance, fil-fatt hija kienet assigurata wkoll man-Norwich Union Insurance[6] u Ecclesiastical Insurance[7] u Rausi Insurance Agency Ltd[8] kienu hargu kopertura ghal xi zmien. Inoltre il-Middlesea Insurance kienet uriet certu interess biex tassigura, izda wara li sar survey, din irrifjutat li tikkwota. Ghalhekk ir-risposta ghal din id-domanda taghti taghrif hazin dwar x'kienet is-sitwazzjoni tal-appellanta.

---

[5] The insurance history of the proposer includes both previous refusals to insure by other insurers as well as his claims history. J.Birds fol 112.

[6] T.Busutill, direttur tas-socjeta` attrici, kien jaf li kien assikurat man-Norwich Union u li din ma riditx tkompli tassikura r-riskju (ara fol 140/141) izda din l-assikurazzjoni ma tissemiex fil-Proposal Form.

[7] Ecclesiastical Insurance kienet ikkancellat il-cover wara li sar risk survey.

[8] Din l-assikurazzjoni poggiet lis-socjeta` attrici *on risk* ghal zmien qasir izda mbaghad iddecidiet li ma tkomplix.

27. Mhux verosimili, anke mid-dokumentazzjoni pprezentata, li l-appellanta ma kienet taf b’xejn x’kien qed jigri u jaghmel l-broker precedenti taghha, l-MIB. Jirrizulta li din kienet qed taghmel sforz biex tfittex kumpaniji ta’ assikurazzjoni lesti li jikkwotaw jew johorgu assikurazzjoni. Il-Bank ukoll li kien ta facilita’ bankarja lis-socjeta` appellanta kien ben konxju, bhal ma suppost kienet l-appellanta, bid-diffikolta’ li kienet qed issib l-MIB biex issib assikurazzjoni li tkopri lill-appellanta. Kien hemm ukoll perjodu meta s-socjeta` appellanta spiccat bla assigurazzjoni u l-bank beda jaghmel pressjoni biex l-appellanta tkun koperta minhabba l-facilita’ bankarja li kien hareg. Ghalhekk bilkemm huwa kredibbili li l-assikurat f’dawk ic-cirkostanzi ma kien jaf xejn jew li ma kienx qed jigi iinfurmat bil-problemi li kien hemm.

28. It-tielet domanda li wiegbet is-socjeta` appellanta kienet tghid:
“Has any office or underwriter declined any proposal for insurance by you or declined to continue any insurance for you either at these premises or elsewhere? If so state particulars.”

It-twegiba kienet “No”.

29. Is-socjeta` appellanta ssostni li din ir-risposta ma kienitx inveritiera ghas-segwenti raguni.

30. Dwar l-ewwel parti tad-domanda l-appellanta tghid li l-kaz tan-Norwich Union ma kienx wiehed ta’ xi rifjut da parti ta’ assiguratur milli jkompli bl-assigurazzjoni izda kien semplicement kas li l-assigurazzjoni ma tkomplietx wara li ghalaq it-terminu originali minhabba nuqqas ta’ qbil dwar il-mod ta’ hlas tar-*renewal premium*.

31. Fir-rigward tat-tieni parti tad-domanda l-kaz ma kienx wiehed ta’ xi proposta ghal assigurazzjoni da parti tal-appellanta li kienet giet rifjutata minn xi assiguratur izda assiguraturi prospettivi ma kienux urew interess li jikkwotaw wara li kienu ntalbu li jaghmlu dan mill-istess brokers tal-appellanta. Ma giet mimlija ebda Proposal Form li mbaghad giet rifjutata.

32. Is-socjeta` appellata tissottometti li r-risposta hija wahda inveritiera, billi apparti l-MIB, Royal Insurance, Norwich Union, Ecclesiastical Insurance u Rausi Insurance Agency Ltd, tramite l-MIB l-appellanta kompliet tfittex kumpaniji ohra ta' assigurazzjoni biex jinxurjawha. Hi talbet lil ghaxar kumpaniji ta' assigurazzjoni ohra biex ikopruha, u l-unika wahda li uriet xi forma ta' interess kienet il-Middlesea Insurance izda wara li evalwat ir-riskju ddecidiet li ma kienitx ser tinxurjaha. Dan kollu ma giex zvelat lis-socjeta` appellata u din kieku kienet taf b'dawn il-fatti ma kienitx taccetta li tassumi r-risku.

33. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti fir-rigward tal-ewwel kaz, ma kienitx kwisjtoni biss ta' nuqqas ta' qbil dwar il-mod ta' hlas tar-*renewal premium*, imma kien kaz ta' diffikulta` ta' likwidita` u biex jithallsu l-premiums f'waqthom[9]. L-assikuraturi ma setghux jibqghu jigru wara flushom b'dak il-mod, u ghalhekk ma kienux lesti li jergghu jirrinovaw l-assikurazzjoni.

34. Dwar it-tieni parti tar-risposta jirrizulta li s-socjeta` appellanta l-ewwel tramite l-brokers l-MIB imbaghad permezz tal-Fortress Insurance Brokers pprovat issib insurance cover izda ghalkemm avvicinat daqs ghaxar assikurazzjonijiet[10] l-ebda wahda ma kienet lesta li tikkwota minhabba r-riskju li kien hemm, anke minhabba l-istat tal-proprjeta`. Kienet biss is-socjeta` appellata li accettat u dan wara li giet avvicinata mill-Fortress Insurance Brokers, izda bla ma giet infurmata li kienu saru dawk l-attentati kollha b'ezitu negattiv. Dan il-fatt kien wiehed materjali li kellu jigu migjub a konjizzjoni tal-appellata, billi kieku kienet taf b'dawk ic-cirkostanzi, hija kienet tirrifjuta li tkopri lis-socjeta` appellanta. Leslie Causon[11], general manager mas-socjeta` appellata, xehed li kien fatt materjali ghalihom li jkunu jafu li kien hemm assigurazzjonijiet li ma kkwotawx jew li koprew ir-riskju ghal ftit u mbaghad ma komplewx. Ma kienitx biss kwistjoni ta' decizjonijiet kummercjali imma ta' *insurance*

[9] Ara xhieda ta' Jovin Rausi a fol 130.
[10] Ara fol 63 u xhieda ta' Dorothy Falzon a fol 85 u Gaston Degiovanni fol 76.
[11] Ara fol 98/99 u 103.

*history*[12] li zgur kienet tinteressa lill assiguratur prospettiv billi dawk l-assigurazzjonijiet kollha ghazlu li ma jidhlux ghar-riskju u jew irrifjutaw li jikkwotaw jew li jassiguraw.

35. **Fit-tieni aggravju** l-appellanta tghid li hija m'hijiex qeghda tikkontesta l-principju li taht is-sistema taghna l-*broker* jagixxi bhala mandatarju jew agent tal-assigurat prospettiv imma minhabba d-direttiva specifika moghtija lis-socjeta` appellanti fil-Proposal Form sabiex toqghod fuq il-*brokers* taghha daqslikieku kienu xi General Accident Office, allura ghall-finijiet tal-mili tal-Proposal Form f'dan il-kaz is-socjeta` konvenuta qiset lill-brokers bhala li kienu l-agenti taghha ghaliex hi stess indikat li s-socjeta` attrici setghet tistrieh fuqhom u fuq il-pariri taghhom almenu '*as to whether certain facts are relevant'.*

36. Illi s-socjeta` appellata ssostni li broker hu agent tal-assikurat u li anke l-ligi ma thallix li broker ikun agent ta' kumpanija assikuratrici. Meta broker ighaddi xoghol dejjem lill-istess kumpanija huwa ma jibqax broker imma jsir agent ta' dik il-kumpanija.

37. Hi gurisprudenza ta' dawn il-Qrati li l-*broker* huwa l-agent tal-assikurat u mhux tal-kumpanija assikuratrici – "**Lawrence Azzopardi *et nomine* –vs- Joseph Muscat**", Appell, 7 ta' Ottubru 1997[13]. Jista' jkun hemm kazijiet pero' fejn brokers jagixxu bhala agenti ta' kumpanija u "not merely acknowledging an order or request to negotiate a contract with the insurance company" (1978 2 Lloyd's.)

38. Fil-kaz in ezami l-broker (Fortress) nizzel it-taghrif li ghaddielu Thomas Busuttil ghas-socjeta` appellanta. Busutill ha parti attiva tant li meta l-broker imlielu l-proposal form, u Busutill wiegeb certi domandi[14], dan insista li r-risposta tieghu ghad-domanda jekk kienx hemm hruq tittnizzel kif ried hu u mhux kif kien ser inizzilha l-broker. Ghalhekk ma jistax jinghad li l-broker kien qed

[12] Ara fol 70.
[13] Ara wkoll Azzopardi vs Middlesea 16/5/2002 u Vassallo vs Vassallo PA 21//4/1999.
[14] Ara fol 147.

jagixxi bhala agent tal-kumpanija assikuratrici u mhux fl-interess tal-assikurat. F'dan il-kaz Fortress Insurance Brokers kienet semplicement talbet quotation[15] minghand kumpanija assiguratrici u ghenet lill-assikurat prospettiv fil-mili tal-proposal form. Hi kienet talbet ghall quotation u nnegozjat ftehim mal-kumpaniji ta' assikurazzjoni u ma kienitx qed tagixxi bhala agent taghha.

39. Kif ghamlet quddiem l-Ewwel Qorti l-appellanta insistiet ukoll li l-informazzjoni moghtija minnha kienet "*to the best of his knowledge and belief correct and complete in every detail*"[16] u ghalhekk hija ma kienitx marbuta mill-obbligu tal-*uberrima fides* skont il-kuntratti ta' assikurazzjoni imma biss li turi l-bona fidi ordinarja mitluba mill-Kodici Civili fil-ligi ta' kuntratti ordinarji. Is-socjeta` appellanta tghid ukoll li l-kuncett tal-*uberrima fides* huwa estraneju ghas-sistema guridika taghna.

40. Dwar dan l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha qalet li "*jidher li, ghall-kuntrarju, dak il-kuncett ilu li ntlaqa' mill-Qrati taghna sa minn zmien ilu fil-qasam tad-dritt assigurattiv.* " Infatti l-kuntratt ta' assikurazzjoni huwa kkunsidrat bhala wiehed ta' *uberrima fides* in konnessjoni mad-duty of disclosure u l-gurisprudenza estera f'dan ir-rigward giet citata diversi drabi b'approvazzjoni fil-gurisprudenza lokali[17].

41. Illi skont il-gurisprudenza kostanti tal-Qrati taghna[18] dan il-kuntratt gie indikat bhala wiehed ta' "*uberrimae fidei*" u cioe` kuntratt li jirrikjedi l-ezistenza ta' "*the utmost good faith*" biex ikun jista' jkollu effett. Dan ir-rekwizit jissarraf billi l-proponent huwa obbligat li jaghti l-informazzjoni kollha rikjesta dwar fatti materjali li jista'

---

[15] Ara telefax message li ntbaghat minn Fortress Insurance Brokers a fol 47 lil Gasan Insurance Agency fejn intqal ukoll li s-socjeta` attrici ma kellhiex claims qabel. Il-quotation intalbet a bazi ta' dak li qalilha l-assikurat.

[16] Ara l-parti t'isfel tal-Proposal Form a fol 49.

[17] "As the underwriter knows nothing and the man who comes to ask him to insure knows everything, it is the duty of the assured, the man who desires to have a policy, to make full disclosure to the underwriters without being asked all the material circumstances, because the underwriter knows nothing and the assured knows everything. This is expressed by saying that it is a contract of the utmost good faith". **Rozanes v Bowen** (1928).

[18] Ara fost ohrajn P.A Degiorgio vs Agius 25.6.1962; Ciantar vs Curmi 153/1994 App 19/6/2006.

jkollhom rilevanza fuq id-decizjoni ta' assiguratur prudenti "*meta jigi biex jara jekk ghandux jiehu r-riskju*." (App. **Muscat vs Formosa** 25/3/2011 u **Camilleri vs Bartolo** P.A. 22/3/82).

42. Fis-sentenza **Sammut vs Middlesea** App. 14 ta' Mejju 2004 din il-Qorti diversament komposta kkonfermat il-posizzjoni meta qalet:

"Din l-obbligazzjoni ghalhekk hija wahda kazwali billi taghmel l-obbligazzjoni tiddipendi minn grajja ta' bla hsieb li ma tkunx fis-setgha la tad-debitur u lanqas tal-kreditur (Art. 1053 (I), Kodici Civili). Minhabba l-incertezza insita f'dan il-kuntratt huwa mehtieg grad gholi ta' bona fede u partikolarment da parti ta' min ikun talab l-hrug tal-polza. Dan billi b'dak il-mod biss is-socjeta` assikuratrici tista' issir konsapevoli mic-cirkostanzi kollha insiti fir-riskju sabiex tghazel li tiehu dak ir-riskju kif ukoll tistabilixxi "*premium*" adegwat. **Din il-bona fede li tiddistingwi dan il-kuntratt bhala wiehed ta' *uberrima fides* hija mehtiega f'kull tip ta' polza ta' assikurazzjoni".**

43. Ghalhekk il-klawzola fil-proposal form li saret referenza ghaliha mill-appellanta ma tezentahiex mill obbligu li taghti t-taghrif kollu mitlub u li tiddikjara l-verita' *with the utmost good faith.*

44. **Fl-ahhar aggravju** s-socjeta` appellanta tghid li ghalkemm is-socjeta` appellata qieset il-polza bhala nulla fl-istess hin hija zammet il-*premiums* ghandha u la rritornathom u lanqas iddepozitathom il-Qorti, allura mhux il-kaz li hija tista' tinsisti fuq l-annullament tal-istess kuntratt.

45. Is-socjeta` appellata ssostni li din il-kwistjoni giet sollevata l-ewwel darba quddiem din il-Qorti biss u ma gietx dibattuta quddiem l-Ewwel Qorti.

46. Illi kif gie deciz diversi drabi minn dawn il-Qrati din il-Qorti hija qorti ta' revizjoni u ghalhekk hija prekluza milli tindaga dwar, u tindirizza, elementi godda li ma jirrizultawx fil-prima istanza u li konsegwentement ma hemm ebda

decizjoni dwarhom. Ghal kull buon fini pero' din il-Qorti hija tal-fehma li l-appellanta lanqas ghandha raguni f'dan ir-rigward, billi l-ewwel nett il-fatt li ma gewx ritornati l-premiums ma jfissirx li l-azzjoni hija nulla u fit-tieni lok meta saret l-azzjoni l-polza kienet ghadha valida.

**Decide**

10. Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata, l-ispejjez tal-appell ghall-appellanta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------